MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 595/2003

**Charles Grech & Co. Limited (C 2473)**

**vs**

**Pulcinella Limited (C 25857)**
**Ezercenti l-kummerc taht l-isem “Pulcinella” u “Candy Box”**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, mija u zewg liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm2,102.52), rapprezentanti hlas fuq prodotti ta’ xorb u merce simili, minnha ordnati u lilha kkonsenjati izda mhux imhallsa skond kif jidher mill-prospetti annessi u mmarkati Dok. A u B.

Is-socjeta’ konvenuta giet interpellata sabiex thallas permezz ta’ ittri bonarji (Dok C u D) datati 12 ta’ Mejju, 2003, u hija baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-gurnata tal-hlas effetiv, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in nota tas-socjeta’ konvenuta li biha ammetti t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------